Minuti tas-sitt (6) laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, li nzammet nhar l-Erbgħa, 13 ta' Novembru 2024 fil-5.45pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fi 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

Din il-laqgħa inzammet jumejn wara li kienet skedata għaliex propju fid-data meta kienet skedata, l-kunsillieri kienu qed jattendu għal funeral tal-eks Sindku u kunsillier, is-Sur Daniel Farrugia.

Il-laqgħa bdiet b'minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tas-Sur Daniel Farrugia.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Sa Anthea Sacco | Kunsillier |
| | Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |

06.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Presedenza

Ma kienx hemm. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

06.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru ħamsa (5)** — Minuti

Il-minuti tas-seduta numru ħamsa kienu kkunsidrati, kien hemm korrezzjoni mis-Sa Marion Parnis u kienu ppoponuti mis-Sur Karmenu Farrugia u ssekondati mis-Sa Anthea Sacco u approvati b'vot unanimu.

06.03 **Kantata Rjieħ fil-Qolla** — Kantata Rjieħ fil-Qolla

Id-DSE qal illi bħalissa qed isiru l-provi fil-Knisja u anke fi djar l-għalliema u dawk li jidderieġu l-muzika. Sar ir-*risk assessment*, se naraw min se jkun jista' jinxurja din il-kantata. Tas-*sound* u tad-dwal huma maqlugħa, l-Kazin Madonna ta' Lourdes se jipprovdu t-timpani u dak ta' Santa Marija is-*sound* fil-Knisja. Sa issa intqal illi l-promozzjoni hija ftit batuta.

06.04 **Ġieħ il-Qrendi 2025** — Ġieħ il-Qrendi

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi Jum il-Qrendi jsir il-Ħadd ta' wara it-18 ta' Frar, pero' l-applikazzjonijiet iridu jiġu minn kmieni biex ikun hemm ċans li jkunu evalwati sew. Għaldaqstant se jsir l-avviz biex nilqgħu in-nomini.

06.05 **Attivita' tal-Milied** — Attivitajiet tal-Milied

Is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq l-organizzazzjoni tal-Villaġġ tal-Milied bl-isem *Milied fil-Qrendi.* Hija qalet illi wara laqgħa li kellha mas-Soċjetajiet Muzikali tar-raħal, dawn tellgħu bil-polza is-sit li fih se jkun organizzat dan il-villaġġ, u tela' s-sit quddiem il-Knisja. Dwar l-ikel, l-kazini se jkollhom tagħhom u se jinbiegħu bl-istess prezz. Dan se jsir nhar il-15 ta' Diċembru bejn il-11:00am u l-4:30pm. Qalet ukoll li se jkun hemm *bouncing castle, face painting*, ritratt ma' Santa Klaws, u fuq kollox mill-att amministrattiv irridu naħsbu għall-gwardjani lokali, biex ikunu ddevjati tal-linja, biex tingħalaq it-triq mis-Sibt 14 ta' Diċembru. Intant is-Sa


*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, l-Qrendi; Tel: 21455000; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

Anthea Sacco esebiet fuq it-telefon ċellulari tagħha posters tal-attività u tal-*istalls* li jridu jinkrew. *Bars* mhux se jintramaw u se jitqassmu *flyers* permezz tal-Maltapost plc.

06.06 **Ċedola tal-pagamenti SCH01, 14/10/24-11/11/24 u Petty Cash AB 10-1**
Iċ-ċedola tal-pagamenti kienet approvata flimkien ma' dik tal-*petty cash.*
Ċedola tal-Pagamenti

06.07 **Tindif tat-toroq bil-ħaddiema tal-Gvern iffirmar ta' MOU**
Is-Sindku, s-Sur David Schembri ppropona sabiex it-tindif tat-toroq urbani jsir permezz tad-Dipartiment għall-Indafa u l-Manutenzjoni. Kien issekondat mil-Viċi Sindku, u kien hemm qbil unanimu sabiex il-kuntratt tal-Knis jigi mogħti direttament lil dan id-dipartiment biex inzidu l-kenniesa fir-raħal.
MOU mad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni

06.08 **Skema tad-Dipartiment Gvern Lokali – Karnival 2025 (ara dokumentazzjoni annessa)**
Il-Viċi Sindku, s-Sa Anthea Sacco tkellmet dwar din l-iskema li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien għaddielha aktar kmieni dan ix-xahar. L-ideja hija li ssir kompetizzjoni tal-isbaħ kostum u/jew ballu. L-applikazzjoni se tiġi mimlija mil-Viċi Sindku kif ukoll mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.
Skema tal-Karnival

06.09 ***Silk Road Cities***
Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ma għandux oġġezzjoni biex ikun jifforma parti mis-*Silk Road Cities*. Is-Sindku, s-Sur David Schembri spjega aktar fid-dettal dwar dan in-*network* tant interessanti. Hu qal li peremezz tas-sħubija maċ-Ċina, b'mod speċjali mal-*Malta Chinese Cultural Centre*, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi se jkun imsieħeb.
Silk Road Cities

06.10 **Twaqqif ta' bord tal-intervisti – Vakanza ta' skrivan**
Il-Bord tal-intervisti kien iffurmat minn dawn il-membri. Is-Sindku, is-Sur David Schembri, is-Sa Anthea Sacco u s-Sa Nina Skye Briffa. Se jkun intervistat l-uniku kandidat li għadu interessat f'din is-sejħa, qabel ma nirrappurtaw b'dan l-ezitu lill-Jobsplus. Kien ukoll deċiz li l-intervista ssir nhar it-18 ta' Novembru fl-4.30pm.
Bord tal-Intervisti

06.11 **RIGHTS**
Dwar dan il-proġett, is-Sa Nina Skye Briffa qalet illi applikaw erbgħa mill-iskola u kellhom erbgħa oħra u xi ħaddieħor li għamel kuntatt direttament mar-RIGHTS. Hija semmiet l-involviment f'dan kollu tal-*US Embassy Youth Community Service Project* kif ukoll qalet li għal-laqgħa ta' nhar id-19 ta' Novembru hija ma tistax tattendi għaliex se tkun imsiefra. Qalet ukoll li diġa' hemm iffissata l-laqgħa tax-xahar ta' wara nhar is-16 ta' Diċembru 2024 u dawn se jsiru fiċ-Ċentru Pastorali tal-Qrendi.
RIGHTS

06.12 **Dekorazzjonijiet tal-Milied**
Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar it-tizjin tat-toroq mil-Kazini tal-Banda. Fil-laqgħa li seħħet aktar kmieni din il-ġimgħa mas-Soċjetajiet Muzikali, kien deċiz li jintramaw l-arbli. Is-Soċjetà Lourdes se tarma *motifs* kbar fuq it-8 arbli li hemm fi Pjazza Santa Marija. Is-Soċjetà Santa Marija se tarma stilel fi Triq Rokku Buhagiar u fin-nofs se jkun hemm kuntrattur li se jarma *motifs* oħrajn. Se jidħol *service* tal-elettriku temporanju tat-3-phase fi Triq Rokku Buhagiar biex ikun jista' jitma' dawn id-dekorazzjonijiet. Se jinxtehlu wkoll Tal-Warda u Misraħ fi Triq Guzeppi d'Arena u Triq Ġuze Cassar. Is-Sindku, is-Sur David Schembri ppropona u ssekondat is-Sa Anthea Sacco u kien hemm qbil unanimu.
Dekorazzjonijuiet tal-Milied

06.13 **Qtugħ tal-ħaxix fl-inħawi rurali**
Dwar il-kuntrattur tal-qtugħ tal-ħaxix selvaġġ kien deċiz illi nerġgħu noħorgu l-offerta pubblika filwaqt li jitwaqqaf il-kuntrattur ezistenti għax mhux qed jaqdina. Se naraw kif ikunu servuti d-*default notices* għaliex dan lanqas qed imur għal posta reġistrata il-Maltapost plc u l-ittri qed jerġgħu jiġu lura. Se nkunu qed nagħmlu wkoll kuntatt mad-Dipartiment Gvern Lokali dwar dan.
Qtugħ tal-ħaxix selvaġġ


*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, l-Qrendi; Tel: 21455000; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*

06.14 **Trasferiment ta' Vacation Leave**

Ma kienx hemm oġġezzjoni għat-trasferiment tal-Vacation Leave tal-Assistant Prinċipal mis-sena 2024 għas-sena 2025. — Trasferiment tal-Vacation Leave

06.15 **Punti oħra**

06.15.01 Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri tkellem dwar l-istedina li għandna biex niffirmaw il-*Memorandum of Understanding* mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, dwar *solar lights.* Dawn hu maħsub li jkunu mwaħħla fi Triq Ħaġar Qim u t-Telgħa tal-Ħotba. Dawn iz-zoni huma mudlama wisq u permezz ta' dan il-ftehim se nkunu qed niffrankaw li nagħmlu gandotti fit-toroq għaliex fir-rural ma tistax tgħaddi aktar il-linji *overhead* izda taħt wiċċ it-triq. — Solar Lights

06.15.02 Is-Sindku, is-Sur David Schembri fakkar li kull sena jsir il-*Christmas Lunch* għall-Kunsillieri u l-ħaddiema. Dwar dan, kien deċiz li niftehmu fil-laqgħa li jmiss. — Christmas Lunch

06.15.03 Is-Sa Anthea Sacco tkellmet dwar il-problema li għandna bil-*bus shelters* għaliex f'dak *Tal-Warda* il-*commuters* qed jiġu għasra sakemm imorru għax-xogħol. — Dizinn ħazin tal-bus shelters

06.15.04 Is-Sa Anthea Sacco reġgħet ipproponiet li napplikaw għal *zebra crossing* fi Triq Rokku Buhagiar viċin Triq Ġuzeppi d'Arena, lil Transport Malta. — Zebra Crossing

06.15.05 Is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq il-*magazine.* Hija qalet illi dan hu lest għand l-istampatur u se jkun imqassam permezz tal-*Maltapost plc*. — Magazine

06.15.06 Is-Sa Marion Parnis qalet illi hija rċeviet *e-mail* dwar problema li kellu resident minħabba li sab xi awrina tal-qtates mal-faċċata tad-dar tiegħu. Hija qalet li dwar dan il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn, filwaqt li verament dawn ir-residenti jkollhom raġun. — Awrina tal-qtates

06.15.07 Is-Sur David Schembri, s-Sindku tkellem dwar l-iskema tal-latrini awtomatiċi. Hu qal li rridu napplikaw peress li issa tħejjew l-istimi tal-perit. Din l-iskema minkejja li hija tad-Dipartiment Gvern Lokali, trid tgħaddi mir-Reġjun Punent. — Skema Latrini Awtomatiċi

06.15.08 Is-Sa Marion Parnis tkellmet ukoll dwar notifika ta' *No Parking* li kellha l-istemma ta' *Transport Malta* fuqha u mhux dik tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Hija semmiet id-diversi e-mails li ntbagħtu mill-uffiċċju dwar dan il-kaz li seħħ fi Triq Gregorio Mifsud. Din irrizultat li kienet waħda falza. — No Parking fi Triq Gregorio Mifsud

06.15.09 Is-Sa Anthea Sacco tkellmet mas-Sa Nina Skye Briffa dwar il-ħtieġa li jkun organizzat il-*party* tat-tfal tal-Milied. Dwar dan se jsiru l-arranġamenti neċessarji. — Parti tat-Tfal

06.15.10 Is-Sur Karmenu Farrugia lmenta dwar id-dewmien biex isiru it-toqob tal-arbli tal-festa l-ġodda u dawk li jinħtiġilhom li ssirilhom manutenzjoni. Hu qal li dawn kienu mitluba mis-Soċjetà Santa Marija speċjalment dik li se tintrama' fiha l-*Christmas Tree* fi Triq Rokku Buhagiar. — Toqob tal-arbli tal-festa

06.15.11 Is-Sur Karmenu Farrugia lmenta dwar id-dewmien biex tissewwa l-lampa tat-toroq viċin il-ħanut tax-xorb fi Triq Rokku Buhagiar. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li din mhix fid-*data base* tal-Korporazzjoni Enemalta u għaldaqstant biex tissewwa bil-fors ikollna ndaħħlu *STL Form* ħalli tkun devoluta lilna bħal ħafna oħrajn li kienu apparentement twaħħlu mhux skont il-proċedura. — Lampa tat-toroq

06.15.12 Is-Sur Karmenu Farrugia talab li ssir rampa fil-Ġnien tal-Warda biex xi ħadd b'*wheelchair* ikun jista' jidħol fil-gazebo. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li rampa hemmhekk tista' tkun perikoluza għat-tfal għax se jitfixklu fiha. — Rampa

06.15.13 Is-Sur Karmenu Farrugia talab *deadline* ta' meta se jkun inawgurat iċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li hija diffiċli ferm tiffissa data peress — Ċentru Ċiviku

li hemm il-berġa tal-Gvern li fiha qed isir ix-xogħol u kien hemm anke xi modifikazzjonijiet. Però hu ttamat illi sa Marzu 2025 mingħajr ma jsir ix-xogħol previst tal-*Automated Toilets*, jingħalaq il-post.

06.15.14 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar il-Ġnien tal-Kmand. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi ittieħdu *samples* mid-Direttorat tar-Restawr biex iwettaq ix-xogħolijiet fuq il-faċċata. Dwar kif se jsir ir-restawr minn Din l-Art Ħelwa fuq ġewwa tal-Ġnien, l-ewwel irridu nistennew li ningħataw id-devoluzzjoni mid-Dipartiment Gvern Lokali u l-Kummissarju tal-Artijiet. Ġnien tal-Kmand

06.16 **Appuntament għal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Din il-laqgħa ntemmet fid-7:45pm u dik li jmiss se ssir nhar id-9 ta' Diċembru, 2024 fil-5.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 9 ta' Diċembru, 2024 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku



*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, l-Qrendi; Tel: 21455000; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;*